# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM, it-Tlieta 30 ta' Ġunju, 2020**

**Kawża Nru. 16**

**Rik. Nru. 918/12JRM**

Joseph **GENOVESE**

vs

**AWTORITA' TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR**, Segretarju tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar u Avukat Ġenerali, illum imsejjaħ l-Avukat tal-Istat, għal kull interess li jista' jkollu

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-12 ta' Settembru, 2012, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra l-attur talab li l-Qorti tistħarreġ is-siwi ta' dik l-parti tad-deċiżjoni meħuda mit-Tribunal ta' Reviżjoni Dwar l-Ambjent u Ippjanar fid-29 ta' Marzu, 2012 fil-każ "*Joseph Genovese vs l-Awtorità ta' Malta Dwar l-Ambjent u Ippjanar*" fuq imsemmija, fejn ikkonkludiet "inoltre,

fit-termini tal-Artikolu 14 tat-Tieni Skeda tal-Att X tal-2010, Kap. 504, dan l-istess Tribunal jimponi multa ta' €2,500 li għandha titħallas fi żmien tletin ġurnata mil-lum"; u (2) ssib dik il-parti tad-deċiżjoni nulla, invalida jew mingħajr effett billi (i) tikser l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u/jew; (ii) hija *ultra vires* għaliex fil-mument meta l-esponenti ntavola l-appell ma kienx hemm is-setgħa li tawtorizza t-twettieq ta' deċiżjoni bħal dik u/jew t-Tribunal naqas milli jħares il-prinċipji tal-ġustizzja naturali; u (iii) tikser l-artikolu 6 u 7 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' Ottubru, 2012[1], li bih appuntat il-kawża, ordnat in-notifika lill-intimati u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat in-nota imressqa mill-attur fit-30 ta' Ottubru, 2012[2], u x-xhieda tiegħu f'affidavit mehmuż magħha;

Rat it-Tweġiba Maħlufa ta' l-intimat l-Avukat tal-Istat imressqa fit-2 ta' Jannar, 2013[3], li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qal li l-azzjoni ma tiswiex għaliex l-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju maħsuba fl-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma tgħoddx għall-istħarriġ tas-siwi ta' deċiżjonijiet ta' tribunal kważi-ġudizzjarju bħalma huwa t-Tribunal imħarrek; li huwa mhuwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi, ladarba t-Tribunal imħarrek igawdi minn personalità ġuridika separata minn kull entità oħra, u għalhekk imissu jinħeles milli jibqa' fil-kawża. Laqa' wkoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrek Segretarju tat-Tribunal ta' Reviżjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar fis-7 ta' Jannar, 2013, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qal (i) li tonqos f'din il-Qorti s-setgħa li tisma' l-kawża ladarba l-paragrafu 14 tat-Tieni Skeda tal-Kapitolu 504 tal-Liġijiet ta' Malta jagħmilha ċara li d-deċiżjoni tat-Tribunal li jwaħħal multa lil min iressaq quddiemu appell fieragħ jew vessatorju hija deċiżjoni finali li minnha ma hemmx appell; u li l-membri tat-Tribunal ma jistgħux jitressqu b'xhieda quddiem din il-Qorti. Laqa' wkoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-Awtorità mħarrka fis-7 ta' Jannar, 2013, li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalet li (a) tonqos f'din il-Qorti s-setgħa li tisma' l-kawża fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-paragrafu 14 tat-Tieni Skeda tal-Kapitolu 504 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid li deċiżjoni tat-Tribunal imħarrek li timponi multa minħabba appelli fiergħa

[1] Paġ 5 u 6 tal-proċess
[2] Paġ 7 sa 9 tal-proċess
[3] Paġ 14 sa 16 tal-proċess

mressqin quddiemu "għandha tkun finali"; (b) li hija mhix il-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni attriċi, ladarba t-Tribunal imħarrek huwa awtonomu u maqtugħ minnha għaliex mogħni b'personalità ġuridika għalih u hija ma tindaħallux fid-deċiżjonijiet li jieħu kif irid l-artikolu 41(12) tal-Kapitolu 504 tal-Liġijiet ta' Malta; u (ċ) li tonqos f'din il-Qorti wkoll is-setgħa li tisma' l-kawża għall-finijiet tal-artikolu 469A tal-Kapitolu12 tal-Liġijiet ta' Malta, minħabba li l-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt dak l-artikolu ma tiswiex għal stħarriġ ta' operat ta' korpi kważi-ġudizzjarji bħalma huwa t-Tribunal imħarrek. Laqgħet u wkoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu;

Rat it-Tweġiba konguntiva ta' l-Awtorità intimata u kif wkoll tas-Segretarju tat-Tribunal ta' Reviżjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar imressqa fit-30 ta' April, 2013[4] għat-talba tar-rikorrent magħmula waqt is-smiegħ tas-16 ta' April, 2013;

Rat il-provvediment interlokutorju mogħti fit-28 ta' Mejju, 2013[5], li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħet talba magħmula mill-attur waqt is-smigħ tas-16 ta' April, 2013, u ordnat li tiżdied premessa oħra fir-Rikors Maħluf tiegħu ma' dawk kif oriġinarjament imressaq minnu. Għat-talba tal-attur, l-imħarrkin Avukat tal-Istat u l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ressqu Tweġiba fit-30 ta' April, 2013, li biha opponew għat-talba billi, għar-raġunijiet u skond is-sottomissjonijiet hemm imsemmija, qalu li l-bidla mitluba mill-attur tibdel fil-qofol tagħha l-azzjoni tiegħu;

Rat id-digrieti tagħha tal-15 ta' Jannar 2013[6], u tal-15 ta' Ottubru, 2013[7], li bihom ordnat li l-partijiet iressqu sottomissjonijiet miktuba dwar l-eċċezzjonijiet preliminari tal-Avukat tal-Istat (it-tielet paragrafu tar-Risposta Maħlufa tiegħu); tas-Segretarju tat-Tribunal (it-tielet u r-raba' paragrafi tar-Risposta Maħlufa tiegħu); u tal-Awtorità intimata (l-ewwel tliet paragrafi tar-Risposta Maħlufa tagħha);

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-Segretarju tat-Tribunal imħarrek imressqa fid-29 ta' Novembru, 2013[8], dwar l-eċċezzjonijiet preliminari tiegħu;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet mressqa mill-imħarrek Avukat tal-Istat fid-29 ta' Novembru, 2013[9], dwar l-eċċezzjonijiet preliminari tiegħu;

[4] Paġ 32 sa 36 tal-proċess
[5] Paġ 38 sa 42 tal-proċess
[6] Pa. 31 tal-proċess
[7] Paġ. 44 sa 45 tal-proċess
[8] Paġg 46 sa 50 tal-proċess
[9] Paġg 51 sa 53 tal-proċess

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-Awtorità mħarrka fit-2 ta' Diċembru, 2013[10], dwar l-eċċezzjonijiet preliminari tagħha;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur waqt is-smigħ tas-27 ta' Marzu, 2014[11], bi twegiba ghal dawk tal-imħarrkin;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet dwar l-eċċezzjonijiet preliminari msemmija;

Rat id-degrieti li bihom ħalliet l-kawża għas-Sentenza fuq l-eċċezzjonijiet preliminari;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju. L-attur irid li din il-Qorti tistħarreġ parti minn deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar fid-29 ta' Marzu, 2012. Huwa jilminta minn dik il-parti tal-imsemmija deċiżjoni (minn issa 'l hemm imsejħa "id-deċiżjoni") li biha t-Tribunal waħħlu multa għaliex qies li l-appell li l-attur kien ressaq kien wieħed fieragħ u vessatorju. L-attur iqis li d-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal ma tiswiex billi tikser il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq kif imħares fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u fl-artikolu 6 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Iqis ukoll li d-deċijoni hija *ultra vires* għaliex fil-waqt meta kien ressaq l-appell, il-liġi ma kinetx tagħti s-setgħa li appellat jitwaħħal multa. Iżid jgħid ukoll li t-Tribunal imħarrek naqas milli jħares il-prinċipji ta' ħaqq naturali billi ma tahx smigħ biex jirribatti l-fehma tat-Tribunal li l-appell li huwa kien ressaq kien tabilħaqq wieħed fieragħ. Jgħid li din il-Qorti għandha tistħarreġ l-għemil tat-Tribunal, lil hinn mill-qafas ta' azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

lli l-imħarrkin laqgħu b'att ta' eċċezzjonijiet, kemm preliminari kif ukoll fil-mertu.

Illi din is-sentenza ser tingħata dwar l-eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-imħarrkin, senjatament dik ta' l-Avukat tal-Istat (it-tielet paragrafu tat-Tweġiba Maħlufa tiegħu); tas-Segretarju tat-Tribunal (it-tielet u r-raba'

[10] Paġġ 54A sa 57 tal-proċess
[11] Pagg. 60 sa 75 tal-proċess

paragrafu tat-Tweġiba Maħlufa tiegħu); u tal-Awtorità (l-ewwel tliet paragrafi tat-Tweġiba Maħlufa tagħha);

Illi, qabel kull ħaġa oħra, il-Qorti tqis in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-Awtorità minn fejn jirriżulta li rtirat l-ewwel eċċezzjoni preliminari mressqa minnha[12];

Illi bħala fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-Kummissjoni għall-Kontroll ta' l-Iżvilupp, fit-22 ta' Lulju 2003, ikkonfermat ir-rifjut ghall-applikazzjoni ghall permess tal-izvilupp PA 4737/01 sabiex jigi sanat żvilupp residenzjali *f'rural conservation area* maghrufa bhala "*Ta' Wara l-Buskett*', 'il barra miż-żona tal-iżvilupp. L-Applikant kien l-attur;

Illi l-attur appella minn dik iċ-ċaħda għal quddiem it-Tribunal. Imma, b'sentenza mogħtija minnu fid-29 ta' Marzu, 2012, l-appell ma ntlaqax. B'żieda ma' dan, it-Tribunal qies l-appell bħala wieħed fieragħ u vessatorju u mmulta lill-attur elfejn u ħames mitt ewro (€2,500), liema multa kellha titħallas fi żmien tletin (30) jum mid-data tad-deċiżjoni[13];

Illi fis-17 ta' April, 2012[14], Genovese appella mid-deċiżjoni tat-Tribunal quddiem il-Qorti tal-Appell (sede inferjuri) u b'sentenza moghtija fit-22 ta' Jannar, 2014, il-Qorti sabet li l-aggravju lanqas hu wiehed fuq punt ta' liġi iżda biss talba biex il-Qorti tirrikonsidra l-fatti tal-każ. Il-Qorti ghaldaqstant ċahdet l-appell u kkonfermat id-deċiżjoni;

Illi f'April tal-2012 l-attur fetaħ wkoll proċedura ta' lment ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali kontra l-imsemmija deċiżjoni[15];

Illi fit-13 ta' Lulju, 2012[16], l-attur ressaq ittra uffiċjali kontra l-imħarrkin taht id-disposizzjonijiet tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi fit-12 ta' Settembru, 2012, infetħet din il-kawża;

Illi bħala konsiderazzjonijiet ta' natura legali, il-Qorti sejra tibda biex tqis **min hu l-kontradittur leġittimu f'din il-kawża**. B'dan il-mod tkun qed tindirizza t-tieni eċċezzjoni preliminari tal-Avukat tal-Istat[17], kif ukoll it-

[12] Pag. 54A tal-proċess
[13] Ara affidavit ta' Joseph Genovese f'pagg. 8 sa 9 tal-proċess u Nota ta' Sottomissjonijiet tal-attur f'pag. 65 tal-proċess
[14] Rik. 47/2012 MC
[15] Rik. Kost. 26/12JA
[16] Ara Rikors Mahluf pag. 3 tal-proċess
[17] Para 3(ii) tat-Tweġiba Maħlufa f'paġ. 14 tal-proċess

tieni eċċezzjoni preliminari mressqa mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar[18];

Illi fis-sottomissjonjiet tiegħu, l-Avukat tal-Istat jistrieħ fuq l-artikolu 41(2) tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp[19] u jgħid li kull azzjoni għandha tiġi indirizzata lis-Segretarju tat-Tribunal. Jgħid li hu m'għandu ebda sehem fit-tħaddim tal-Awtorità u għaldaqstant ma jweġibx għall-pretensjonijiet tal-attur[20];

Illi, min-naħa tagħha, l-Awtorità tgħid li hi u t-Tribunal huma żewġ entitajiet maqtugħa u distinti minn xulxin, u l-azzjoni attriċi għandha tiġi indirizzata lis-Segretarju tat-Tribunal għall-finijiet tal-imsemmi artikolu 41(2) tal-Att. Tgħid ukoll li hija m'għandha ebda setgħa twaħħal multi, u r-rimedju li qed jitlob l-attur ma jistax jintlaħaq b'deċizjoni mogħtija kontra tagħha[21];

Illi min-naħa l-oħra, l-attur jargumenta li xi ħadd miż-żewġ imħarrkin huwa obbligat iwieġeb għall-ilmenti tiegħu u ma jistgħux ifarfru mir-responsabbiltà tagħhom billi waħda twaħħal fl-ieħor[22];

Illi l-Qorti tibda biex tgħid li l-eċċezzjoni tal-imħarrek Avukat tal-Istat hija tajba. Ilu minn bosta snin stabiliti li, f'kawża ta' stħarriġ ġudizzjaju minn deċiżjonijiet ta' tribunali jew bordijiet statutorji, il-leġittimu kontradittur huwa l-kontro-parti fil-proċediment u mhux la l-istess bord jew tribunal[23] u wisq anqas l-Avukat tal-Istat. Għall-istess raġuni, l-eċċezzjoni tal-Awtorità qiegħda tiġi miċħuda għaliex fil-proċeduri quddiem it-Tribunal, l-Awtorità kienet il-kontro-parti. B'żieda ma' dan, għar-rigward ta' l-Avukat tal-Istat, l-ebda waħda mill-erba' talbiet attriċi ma titlob l-għoti ta' rimedju li għalih irid joqgħod l-istess imħarrek, biex ma jingħadx ukoll li l-ebda waħda mill-premessi tar-rikors ma titfa' mqar l-iċken ħjiel ta' rabta tal-istess Avukat tal-Istat maċ-ċirkostanzi li wasslu lill-attur jiftaħ din il-kawża. Min-naħa l-oħra, il-Qorti ma ssibx li l-argument imressaq mill-attur li l-Avukat tal-Istat għandu jerfa' r-responsabbilità huwa argument li l-Qorti tista' tassew toqgħod fuqu, għaliex ir-responsabbiltà li trid terfa' parti f'kawża trid tkun waħda vera u mhux mistħajla jew marbuta biss mal-uffiċċju tagħha;

Illi għalhekk, il-Qorti sejra tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat u sejra teħilsu milli jibqa' fil-kawża. Fl-istess waqt u għar-raġunijiet

---

[18] Para 2 tat-Tweġiba Maħlufa f'paġ. 25 tal-proċess
[19] Dak li qabel kien l-Kap. 504, illum il-Kap 552
[20] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu f'paġ. 52 tal-proċess
[21] Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar f'paġġ. 65 u 68 tal-proċess
[22] Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu f'paġ. 74 tal-proċess
[23] App. Ċiv. **29.1.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Alfred Pisani et vs Joseph Borġ Bartolo*** (mhix pubblikata) u App. Ċiv. **13.2.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Mallia noe vs Debono et*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.262**)

imsemmija qabel, sejra tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-Awtorità u tqisha bħala kontradittriċi leġittima tal-azzjoni attriċi;

Illi jmiss li l-Qorti tqis l-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat dwar is-siwi tal-azzjoni attriċi. L-imsemmi mħarrek jgħid li l-artikolu 469A tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili ma jgħoddx għal stħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjonijiet ta' tribunali kważi-ġudizzjarji bħalma huwa t-Tribunal, u dan itennih minkejja l-provvediment interlokutorju li tat din il-Qorti fit-28 ta' Mejju, 2013 u ż-żieda li ħalliet li ssir fil-premessi tar-Rikors Maħluf tal-attur[24]. Ta' l-istess fehma hija l-Awtorità hija u tittratta t-tielet eċċezzjoni preliminari mqajma minnha[25];

Illi l-attur imieri din is-sottomissjoni fuq żewġ binarji. L-ewwel, is-setgħa ta' qorti li tissindika deċiżjoni ta' tribunal toħroġ mill-artikolu 32(1) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili. It-tieni, l-aġir tat-Tribunal jista' jitqies bħala "*għemil amministrattiv minn awtorità pubblika*" taħt l-artikolu 469A tal-istess Kodiċi[26];

Illi l-argumenti tal-attur ġew indirizzati mill-Qrati tagħna meta ngħad li[27], "*l-istħarriġ ġudizzjarju ta' tribunali ġudizzjarji jew kważi-ġudizzjarji, ... ma jistax isir in forza ta' l-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12. L-Artikolu 469A(1) jipprovdi li l-qrati ta' ġustizzja ta' kompetenza ċivili, għandhom ġurisdizzjoni biex jistħarrġu l-validità ta' xi egħmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-egħmil null, invalidu jew mingħajr effett fil-każijiet imsemmija fl-istess artikolu. Skond is-subartikolu (2) ta' l-imsemmi artikolu, il-frażi 'egħmil amministrattiv' tfisser il-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess, warrant, deċiżjoni jew ir-rifjut għal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorità pubblika ...". L-istess sub-artikolu jipprovdi li l-frażi 'awtorità pubblika' tfisser il-Gvern ta' Malta, magħdudin il-Ministri u dipartimenti tiegħu, awtoritajiet lokali u kull korp magħqud kostitwit permezz ta' liġi. Huwa ċar li fid-definizzjoni ta' 'awtorità pubblika' għall-fini ta' din id-disposizzjoni, tali disposizzjoni ma tistax tinkludi tribunal ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjarju*";

Illi ngħad ukoll li "*.. l-azzjoni ta' l-appellant għal stħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjoni tat-Tribunal de quo tista' biss tiġi ikkunsidrata mill-Qorti fil-ġurisdizzjoni ordinarja tagħha li tinkludi fiha s-setgħa li tivverifika l-legalità ta' pronunzjamenti ta' tribunali ġudizzjarji u kwazi-ġudizzjarji*[28]. *Huwa veru li, kif osserva l-appellant, l-istħarriġ ġudizzjarju taħt l-Artikolu*

[24] Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu f'paġġ. 51 – 2 tal-proċess
[25] Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha f'pagg. 56 sa 57 tal-proċess
[26] Nota ta' Sottomissjonjiet tiegħu f'paġġ. 68 sa 72 tal-proċess
[27] App. Ċiv. 3.3.2006 fil-kawża fl-ismijiet Direttur Ġenerali tal-Qrati vs. Pinu Axiaq u App. Ċiv. 19.1.2010 fil-kawża fl-ismjiet General Workers' Union vs. Bank of Valletta p.l.c.
[28] fi kliem iehor jekk tali deċizjoni ittieħditx fil-limiti tas-setgħat mogħtija mil-liġi prinċipali lit-tribunal in kwistjoni, cioe` hix *ultra vires*, inkluż jekk ġewx osservati l-prinċipji ta' ġustizzja naturali.

*469A tal-Kap 12 u l-istħarriġ ġudizzjarju in forza tal-ġurisdizzjoni ġenerali konferita lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, jista' fis*-*sustanza ikun fil-prattika simili jekk mhux identiku, billi fiż-żewġ każi l-eżerċizzju huwa dejjem dak li jara li l-egħmil amministrattiv f'każ wieħed u l-ipronunzjament tat-tribunali amministrattivi fil-każ l-ieħor jkunu fil-parametri tal-liġi. Pero` dan ma jnaqqas xejn mill-fatt illi l-Kap. 12 jikkonferixxi din is-setgħa lill-Prim'Awla taħt żewġ disposizzjonijiet separati.*";

Illi għaldaqstant, fid-dawl ta' dawn il-prinċipji proċedurali ċari, il-Qorti, filwaqt li sejra tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari mressqa mill-Avukat tal-Istat u t-tielet eċċezzjoni preliminari tal-Awtorità mħarrka safejn l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma jgħoddx għal stħarriġ ta' deċiżjoni ta' tribunali kważi-ġudizzjarji bħalma huwa t-Tribunal, sejra tiċħad l-imsemmija eċċezzjonijiet safejn iridu jwarrbu l-fatt li din il-Qorti, bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin lilha bil-ġurisdizzjoni ġenerali tagħha, għandha s-setgħa tistħarreġ l-istess għemil;

Illi l-Qorti sejra tqis iż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari mqajma mill-imħarrek Segretarju tat-Tribunal. L-ewwel eċċezzjoni hija dik jekk din il-Qorti għandhiex is-setgħa li tisma' l-każ;

Illi fil-fehma tal-imħarrek, din il-Qorti m'għandhiex setgħa li tistħarreġ it-talbiet attriċi għal żewġ raġunijiet: l-ewwel, għaliex il-liġi tgħid li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija 'finali', għaldaqstant ma hemm lok għal ebda proċedura oħra; u t-tieni għaliex il-liġi saħansitra tneħħi ir-rimedju ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell minn deċiżjonijiet tal-istess Tribunal[29]. Jgħid li, ladarba m'hemmx ir-rimedju tal-appell, lanqas ma hemm ir-rimedju li jintalab stħarriġ minn qorti[30];

Illi, min-naħa l-oħra, l-attur jgħid li l-Qorti għandha jedd li tistħarreġ, u ma hemm xejn li jżommha milli tissindika jekk tali deċiżjoni tissodisfax il-prinċipji tal-ġustizzja naturali[31];

Illi l-Qorti tqis li meta jitqajmu kwestjonijiet tal-kompetenza tagħha li tisma' kawża, trid toqgħod b'seba' għajnejn biex la twarrab malajr is-setgħat mogħtijin lilha mil-liġi u lanqas twettaq setgħat li l-liġi ma tagħtihiex. Il-kwestjoni m'hijiex waħda faċli jew sempliċi, għaliex bosta drabi r-rimedju mogħti minn liġi dwar deċiżjonijiet ta' korp statutorju ma jkunx l-istess f'kull każ. Mhux hekk biss, imma ximindaqqiet, il-liġi tagħti jedd ta' appell wiesgħa filwaqt li f'oħrajn tagħti jedd ta' appell limitat jew biss f'ċirkostanzi partikolari,

---

[29] Art. 41(6) ta' dak li qabel kien l-Kap. 504
[30] Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu f'paġġ. 57 sa 61 tal-proċess
[31] Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu f'paġ. 74 tal-proċess

bħal fejn appell jista' jitressaq biss wara d-deċiżjoni aħħarija jew biss bil-permess tat-tribunal li jkun ta d-deċiżjoni. F'istanzi oħra, il-jedd saħansitra jiġi miċħud (bħal ma hu f'dan il-każ). Hija ħaġa xierqa għalhekk li aktar ma jkun limitat il-jedd tal-appell aktar għandha tibqa' fis-seħħ is-setgħa ta' din il-Qorti li tistħarreġ l-imġiba tat-tribunal li jkun fil-mod kif ikun ġab ruħu u fil-mod kif ikun fassal id-deċiżjonijiet li jieħu. Għalhekk, id-determinazzjoni tal-kwestjoni tiddependi ħafna mhux daqstant għaliex dik id-deċiżjoni hija waħda finali, daqskemm mill-għamla ta' rimedju alternattiv li jkun jeżisti. Minbarra dan, il-Qorti tqis xieraq li wieħed jagħraf bejn jedd ta' appell minn deċiżjoni u s-setgħa ta' stħarriġ minn qorti ta' korp li jkun ta deċiżjoni bħal din: tal-ewwel jikkonsisti fi proċedura ta' reviżjoni fil-mertu tad-deċiżjoni meħuda minn tribunal magħmula minn korp ogħla; tat-tieni hija funzjoni "kassazzjonali" dwar is-siwi tal-imġiba u l-ħarsien tas-setgħat mogħtijin minn liġi lit-tribunal mistħarreġ. Huwa miżmum li n-nuqqas ta' għoti ta' jedd ta' appell ma jxejjinx b'daqshekk is-setgħa ta' qorti li tistħarreġ l-imġiba ta' tribunal, l-aktar fejn xi parti tilmenta minn ksur ta' xi prinċipju ta' ħaqq naturali[32];

Illi b'riferenza għal dan kollu, tajjeb jingħad li awturi jgħidu li "*The existence of a statutory right of appeal does not deprive the High Court of its ordinary powers of quashing a tribunal's decision which is ultra vires or erroneous in law. ... Appeal and review are in principle two distinct procedures, appeal being concerned with merits and review being concerned with legality. But in practice an appellant will often wish to raise questions which strictly are questions of legality, such as violation of natural justice or some objection to the tribunal's jurisdiction. It is important that this should be freely allowed, since many cases could not be fully disposed of on appeal*"[33];

Illi meta wieħed jgħaddi biex iqis sewwa d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 14 tat-Tieni Skeda għall-Kapitolu 504 tal-Liġijiet ta' Malta, isib li tabilħaqq it-Tribunal f'każijiet li fihom jiddikjara l-proċeduri bħala fiergħa jew vessatorji, id-deċiżjoni titqies bħala finali mingħajr ebda rimedju quddiem il-Qorti tal-Appell fil-kompetenza Inferjuri tagħha. Għalhekk, ladarba l-appellant ma għandu ebda rimedju fejn l-ilment tiegħu jista' jiġi mistħarreġ minn qorti ogħla, din il-Qorti tasal għall-fehma li dik iċ-ċirkostanza xejn ma tnaqqs is-setgħa li hija għandha li tibqa' tisma' l-kawża u dan fil-qafas tal-ilment "kassazzjonali" li fuqu l-attur isejjisha ħalli jitlob li tistħarreġ jekk it-Tribunal mexiex lil hinn mis-setgħat mogħtija lilu mil-liġi, kif ukoll jekk ħarisx il-prinċipji ta' ħaqq naturali[34];

---

[32]App. Ċiv. **27.6.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Charles Mattocks vs Dr. Anthony Gruppetta noe et***
[33] Wade & Forsyth, *Administrative Law*, (9th. Edition), pp. 949 – 950
[34] P.A. **29.5.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut vs Bell McCance noe*** (Kollez. Vol. **XXXII.ii.350**)

Illi dawn il-ħsibijiet iwasslu lill-Qorti biex tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tas-Segretarju tat-Tribunal bħala mhix mistħoqqa;

Illi t-tieni eċċezzjoni preliminari tas-Segretarju mħarrek hija dwar jekk il-membri tat-Tribunal jistgħux jissejħu f'din il-kawża biex jidhru quddiem din il-Qorti u jixhdu dwar dak li seħħ fil-proċess quddiem l-istess Tribunal;

Illi d-difensur tal-attur jilqa' għal din l-eċċezzjoni billi jgħid li l-għan wara l-involviment tat-Tribunal bħala xhieda kien biex l-atti jkunu sħaħ[35];

Illi f'każ li kellu x'jaqsam ma' lment imressaq kontra ġudikant li kien ta deċiżjoni kontra l-attur, il-Qorti tal-Appell sabet li "*Issa huwa ovju li din l-indipendenza u din l-imparzjalità tigi annjentata jekk ġudikant ikun huwa stess soġġett għal xi azzjoni bħala konsegwenza tax-xogħol tiegħu ta' ġudikant. Ma jistax ikun hemm indipendenza u mparzjalità f'ġudikant jekk huwa stess ikun soġġett għal proċeduri*"[36];

Illi jekk jitħaddmu dawn l-istess prinċipji għall-membru tat-Tribunal biex jitħarrek bħala xhud, il-Qorti tasal għall-fehma li l-imparzjalità tal-membru wkoll tista' tinġab fix-xejn. Dan iwassalha għall-fehma li l-eċċezzjoni hija tajba u jistħoqqilha tintlaqa';

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-imħarrek Avukat tal-Istat** u t-**tielet eċċezzjoni tal-Awtorità mħarrka**, u ssib li hija ma għandhiex is-setgħa fil-liġi biex tisma' l-kawża mressqa mill-attur safejn imressqa taħt l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li ma jgħoddx għal stħarriġ ġudizzjarju dwar is-siwi ta' deċiżjoni ta' tribunali kważi-ġudizzjarji, iżda **tiċħadha għall-bqija** safejn din il-Qorti għandha s-setgħa ġenerali li twettaq tali stħarriġ;

**Tilqa' t-tieni eċċezzjoni preliminari tal-imħarrek Avukat tal-Istat** u teħilsu mill-ħarsien tal-ġudizzju, bi spejjeż għall-attur;

**Tastjeni** milli tqis **l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorità** billi ġiet irtirata;

**Tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-Awtorità** u tqisha bħala kontradittriċi leġittima tal-attur f'din il-kawża;

[35] Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu f'paġ. 74 tal-proċess
[36] Kost. **19.2.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Debono vs. Mallia*** (Kollez. Vol. **LXXIV.i. 34)**

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tas-Segretarju tat-Tribunal** u **tal-Awtorita'** bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt u ssib li hija għandha s-setgħa li tisma' din il-kawża;

**Tilqa' it-tieni eċċezzjoni tas-Segretarju tat-Tribuna**l imħarrek u tqis li l-membri tat-Tribunal m'għandhomx jitħarrku bħala xhieda f'dawn il-proċeduri;

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla bit-trattazzjoni dwar il-mertu tal-azzjoni attriċi u l-eċċezzjonijiet fil-mertu dwarha. Għal dan il-għan, tordna li l-atti ta' din il-kawża jintbagħtu lir-Reġistratur ta' din il-Qorti biex jassenja l-kawża quddiem din il-Qorti diversament presjeduta u li quddiemha jkompli jinstema' l-każ; u

**Tordna** li l-**ispejjeż** marbuta ma' din is-sentenza safejn intlaqgħu l-eċċezzjonijiet u safejn l-imħarrek Avukat tal-Istat inħeles milli jibqa' fil-kawża, jitħallsu mill-attur.

**Moqrija**

**Onor Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**30 ta' Ġunju, 2020**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**30 ta' Ġunju, 2020**